## L-EWWEL JUM DINJI TAN-NANNIET U L-ANZJANI

## INDIKAZZJONIJIET PASTORALI

### Ċelebrat kull sena fit-Tielet Ħadd ta' Lulju

It-tnedija tal-Jum Dinji tan-Nanniet u l-anzjani saret fil-qafas ta' żmien immarkat bil-pandemija u żmien li fih il-ġenerazzjoni anzjana matul dawn ix-xhur, f'kull rokna tad-dinja,sofriet ħafna. L-istampi tal-anzjani li mietu waħedhom u li lanqas biss setgħu jkollhom funeral kienu ġerħa għall-Knisja kollha. Hu wieħed mis-slaleb ta' żmienna illi, mhux b'kumbinazzjoni, kien imfakkar waqt il-Via Crucis mal-Papa nhar il-Ġimgħa l-Kbira ta' dis-sena:

"Mill-ambulanza niżlu bnedmin li kien qieshom astronawti, mgeżwrin f'għata, ingwanti, maskri u visor, ħadu lin-nannu li minn ftit jiem 'l hawn kien qed ibati biex jieħu n-nifs. Kienet l-aħħar darba li rajt lin-nannu, miet ftit jiem wara fl-isptar, u nimmaġina li kien qed isofri wkoll minħabba s-solitudni. Ma stajtx inkun qribu fiżikament, nagħtih l-aħħar tislima u ntih ftit faraġ".1

Il-fatt li wieħed ma jistax ikun qrib ta' min qed isofri hu kuntradizzjoni għall-vokazzjoni tal-ħniena tal-insara u dan il-Jum Dinji hu okkażjoni biex il-Knisja ttenni li ma tistax tibqa' mbiegħda minn min hu mgħobbi bis-salib. It-tema magħżula mill-Papa "Jien miegħek sal-aħħar taż-żmienijiet" tesprimi ċar dal-kunċett: waqt il-pandemija u fiż-żmien - nittamaw mhux bogħod - li jibda wara, kull komunità ekkleżjali tixtieq tkun mal-anzjani kuljum.

Diġà aktar minn sena ilu, fl-eqqel tal-ewwel mewġa tal-pandemija, id-Dikasteru għal-Lajċi, il-Familja u l-Ħajja kien kiteb illi: "bħala indvidwi u bħala Knejjes lokali nistgħu nagħmlu ħafna għall-anzjani: nitolbu għalihom, intaffu l-marda tas-solitudni, ninsġu xbieki ta' solidarjetà u ħafna aktar. Quddiem ix-xenarju ta' ġenerazjoni milquta b'tant toqol, aħna għandna responsabbiltà komuni".2

Hu dmir li - meta tnin it-tempesta - għandu jkun dimensjoni tal-ħajja ta' kuljum fil-parroċċi u fir-realtajiet ekkleżjali kollha. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum dedikat lill-anzjani hu manjiera biex fin-nisġa regolari tal-pastorali tagħna ndaħħlu l-attenzjoni lejn l-anzjani l-aktar fraġli.

Ma nistgħux ngħidu li l-attenzjoni li l-Papa Franġisku jagħti lill-anzjani hi xi

novità. L-aħħar Papiet ukoll kellhom ħerqa simili u kliem mimli għerf u simpatija lejn l-anzjani.3 Fil-każ tal-Papa Franġisku, il-qrubija spiritwali kbira lejn l-anzjani li takkumpanja l-Pontifikat tiegħu kollu, għandha titqiegħed fid-dawl ekkleżjoloġiku li jikkaratterizzaha. L-istess bħal kategoriji oħra ta' persuni li mhux dejjem ingħataw l-attenzjoni pastorali xierqa, l-anzjani għandhom missjoni preċiża fi ħdan il-poplu qaddis u fidil ta' Alla. il-Papa Franġisku din jaraha fid-dawl tal-memorja u t-trasmissjoni tal-fidi lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda, iżda l-aspett tal-akbar tifsir hu li jqishom bħala qasam sinifikanti tal-lajkat kattoliku. Huma mhux qed "jinqdew" bil-Knisja, imma huma kumpanija mat-triq. Għal dir-raġuni, fl-okkażjoni ta' dal-Jum ma kienx hemm pubblikazzjoni ta' xi ktieb dwar ix-xjuħija, imma messaġġ indirazzat lill-anzjani, li fih il-Qdusija Tiegħu jitlobhom ikunu responsabbli tal-għada flimkien mal-mixja tal-Knisja u fil-bini ta' dinja ġdida wara l-pandemija. Din hi novità ta' tifsir kbir, u hi parti mill-perspettiva sinodali li ppropona l-Papa Franġisku. Fil-fehma tal-Papa l-anzjani huma parti mix-xirka sħiħa tal-imgħammdin li bis-saħħa ta' twemminhom jaġixxu b'fidi infallibbli (sensus fidei infallibile in credendo).4

Minn dil-kunsiderazzjoni toħroġ il-ħtieġa li tkun żviluppata kura pastorali mtejba għal-ġenerazzjoni li forsi wisq spiss sfat minsija minħabba t-tendenza li l-anzjani jitqiesu persuni diġà evanġelizzati.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani qed issir fil-qalba tas-sena li l-Papa ddedikaha lill-familja fl-okkażjoni tal-ħames anniversarju tal-Eżortazzjoni Appostolika Amoris Laetitia. Din mhix kumbinazzjoni iżda għażla li tiġi mill-għarfien dwar kif l-anzjani - l-anzjani kollha, ukoll dawk li mhumiex nanniet - jeħtieġu ambjent ta' familja biex jgħixu fih u dwar kemm hu meħtieġ li l-familji jsiru konxji tar-rwol li għandu jkollhom fi ħdanhom. Fid-dinja globalizzata, infatti, ir-relazzjoni bejn l-anzjani u l-familji m'għadux jittieħed 'for granted', anzi, bil-maqlub, spiss qed iqumu dubji dwarha. Huwa fenomenu li jikseb tifsiriet differenti skont il-kuntest ġjografiku u kulturali, iżda li fih elementi komuni li jġiegħluk taħseb li l-kriżi bejn l-anzjani u l-familja hi verament sinjal taż-żminijiet u li rridu naffaċċjawha. Il-pastorali tal-familja nfisha, ta' spiss imħassba dwar ir-relazzjonijiet bejn il-koppji jew bejn il-ġenituri u l-ulied, issibha bi tqila titkellem dwar ir-relazzjoni bejn il-ġenituri anzjani u l-ulied adulti u dwar dik ta' bejn in-nanniet u n-neputijiet.

Fl-enċiklika Fratelli Tutti, il-Papa tkellem ċar f'das-sens: "Rajna xi ġralhom l-anzjani f’xi nħawi tad-dinja minħabba l-Coronavirus. Ma kellhomx imutu hekk. Imma fir-realtà xi ħaġa simili diġà kienet seħħet minħabba l-mewġiet ta’ sħana u

f'ċirkustanzi oħra: mormija b'mod mill-aktar kiefer. M'aħniex nintebħu li meta nwarrbu lill-anzjani u nitilquhom bħal tagħbija fuq dahar oħrajn mingħajr ma jkollhom il-familja li sseħibhom b'għożża xierqa, hija l-istess familja li tkun qed tonqsilha xi ħaġa u tiftaqar. Barra minn hekk, dan jispiċċa jċaħħad liż-żgħażagħ mill-kuntatt meħtieġ mal-għeruq tagħhom u ma' dak l-għerf li ż-żgħożija ma tistax tilħaq waħidha". (FT 19).

Dan hu kliem importanti li ta' min itenni sabiex neżaminaw lilna nfusna u nistaqsu dwar kemm u kif il-familji huma midjunin - u magħhom il-pastorali tal-familja - lejn il-ġenerazzjoni li b'xi mod spiċċat kważi minsija. Quddiem xenarju tant kumplikat (il-pandemija, it-tfittxija ta' protagoniżmu ġdid min-naħa tal-anzjani u l-kriżi fir-relazzjonijiet tal-familja), propju biex tgħin lill-persuni ma jogħtrux minħabba l-iskomdu u d-dipressjoni, il-Knisja qatgħetha li tgħażel mod sempliċi biex tniedi mixja komuni u ssaħħaħ is-solidarjetà billi tagħmel festa. L-anzjani u ż-żgħar flimkien: ġenituri u ulied; nanniet u neputijiet; li jiffurmaw parti mill-istess familja inkella le. Konxja mill-ħtieġa tar-rikonċijazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet u mill-provi li jgħaddu minnhom l-anzjani, il-Knisja ma tipponta sebagħha lejn ħadd, imma tfassal it-triq taċ-ċelebrazzjoni f'mument komuni ta' ferħ.

Kif ġara fil-parabbola tal-Iben il-Ħali u l-missier ħanin, il-festa għandha tegħleb il-firdiet li mmarkaw il-ġrajja ta' xi familja. Dak l-iben li qies lil missieru, probabbilment diġà anzjan, qiesu mejjet, tant li talbu s-sehem tal-wirt li kien imissu, jintlaqa' lura u jsib il-maħfra, jirrikonċilja ruħu max-xwejjaħ missieru u miegħu nnifsu, u dan kollu jsir waqt festa li jiċċelebraw flimkien. Il-missier ħanin jaf bil-problemi, bit-tradimenti u l-ambigwitajiet, iżda jagħżel li jagħmel festa għax hu biss il-ferħ tal-Evanġelju li għandu ħila jimla l-qalb u jeħles "mid-dnub, mis-swied il-qalb, mill-vojt interjuri, mill-iżolament" (Il-Ferħ tal-Vanġelu 1). Din hi l-bażi li fuqha jinbnew relazzjonijiet imġedda bejn il-ġenerazzjonijiet u ssir - bis-saħħa wkoll tal-kontribut tal-għerf tal-aktar anzjani - il-bata li fuqha nibnu s-soċjetajiet tagħna wara l-pandemija.

Għalhekk nixtiequ li ċ-ċelebrazzjoni tal-ewwel Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani jingħex bħala waqt ta' festa bis-sehem tal-ġenerazzjonijiet kollha. M'għandux ikun ferħ inġenwu, imma ferħ ġej mill-għarfien li l-Mulej hu qrib il-ħajja tal-anzjani daqskemm hu qrib ta' min hu iżgħar: Hu jinsab magħna kuljum.

L-istrumenti pastorali li jistgħu jintużaw biex il-ħerqa pastorali lejn l-anzjani ssir konkreta huma bosta. Għal dan il-għan wieħed jista' jsib utli r-riflessjoni wiesa

dwar is-sens u l-valur tax-xjuħija u dwar suġġerimenti pastorali konkreti li jinsabu fid-dokument dwar l-anzjani pubblikat snin ilu mill-Kunsill Pontifiċju tal-Lajċi, li għad għandu l-valuur tiegħu u għadu attwali.5 Fost il-bosta forom ta' qrubija li l-knejjes lokali u l-persuni singoli jistgħu jużaw biex 'ikunu qrib' l-anzjani nixtiequ nissuġġerixxu waħda, li tista' ssir faċilment u hi effikaċi ħafna: iż-żjara. Dan hu sinjal tanġibbli ta' Knisja li toħroġ u mod, imħawwel fit-tradizzjoni, biex juri l-ħniena, partikolarment lejn il-morda u l-ħabsin. Illum donnha tidher il-ħtieġa li flimkien mas-seba' opri tal-ħniena, li lkoll tgħallimna bl-amment inżidu l-opra taż-jara lill-anzjani waħedhom, u l-għażla tal-Penitenzerija Appostolika li tagħti Indulġenza Plenarja lil min jagħmel dan turi kemm hu urġenti att bħal dan.

Minbarra hekk, f'dawn il-paġni nixtiequ noffru suġġerimenti oħra għaċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-jum: nissuġġerixxu li f'kull parroċċa jew f'kull realtà ekkleżjali tkun iċċelebrata quddiesa fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani; li jitfakkru l-anzjani tal-komunità li mietu minħabba l-Covid-19 u li ż-żgħażagħ jintalbu jżuuru lil nannniethom u, fuq kollox lill-anzjani li jgħixu waħdehom biex iwasslulhom il-messaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa.

Minbarra dak li ssuġġerjna aħna ninsabu żguri li kull realtà ekkleżjali tagħraf issib mod kreattiv biex il-ġurnata tkun iċċelebrata bl-aħjar mod fil-kuntest partikolari.

Jalla l-Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani jkun tabilħaqq għal kulħadd festa mimlija ferħ tal-Evanġelju!

P. Alexandre Awi Mello, I. Sch.

Segretarju

Dikasteru għal-Lajċi, il-Familja u l-Ħajja

Il-Kardinal Kevin Farrell

Prefett

Dikasteru għal-Lajċi, il-Familja u l-Ħajja

1 Il-Via Crucis presjeduta mill-QdusijaTiegħu Franġisku nhar il-Ġimgħa l-Kbira, 2 ta' April, 2012 fi Pjazza San Pietru - it-XIII-il Stazzjon.

2 DIKASTERU GĦAL-LAJĊI, IL-FAMILJA U L-ĦAJJA, Fis-solitudni l-coronavirus joqtol aktar, 7 ta' April, 2020.. **http://www.laityfamilylife.va/content/laityfamilylife/it/news/2020/nella-solitudine-il-coronavirus-uccide-dipiu.html**

3 Cfr., fost oħrajn, Ġwanni Pawlu II, *Ittra lill-anzjani*, 1 ta' Ottubru,1999; Benedittu XVI, diskors waqt żjara lill-'Casa-familja' "Viva l-anzjani" mmexxija mill-Komunita ta'Sant' Egidio, 12 ta' Novembru, 2012.

4. Nota tas-Sinodu tal-Isqfijiet, 21.05.2021

5 Cfr. kunsill Pontifċju għal-Lajċi - Id-dnjità tal-anzjan u l-missjoni tiegħu fil-Knisja u fid-dinja - 1 ta' Ottubru, 1998.

 L-ewwel Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani se jkun iċċelebrat f'sitwazzjoni fejn f'bosta pajjiżi għadu mhux possibbli s-sehem fiżiku fil-quddiesa

 Sabiex il-messaġġ ta' qrubija u faraġ - anki lil min hu l-aktar iżolat - li tixtieq tesprimi dil-festa qed nitolbu li ssir żjara lin-nanniet u lill-anzjani waħedhom li hemm fil-komunitajiet biex jitwasslilhom il-messaġġ tal-Papa.

 Iż-żjara, sinjal tanġibbli tal-Knisja li toħroġ, hu mod kif - fi żmien li rridu nżommu d-distanza soċjali minħabba l-pandemija - nuru li minkejja, hemm mod li bih inkunu qrib l-anzjani.

 Iż-żjara turi l-għażla personali li bniedem iqum u jmur iħaffef lejn l-oħrajn (cfr Lq 1, 39), kif għamlet Marija meta marret iżżur lill-anzjana Elizabetta.

 Iż-żjara hi okkażjoni biex kull neputi, neputija jgħidu lil nanniethom, u biex kull żgħażugħ jgħid lill-anzjan li jmur iżur: "Jien miegħek kuljum!"

 Iż-żjara tista' tkun okkażjoni biex jingħata rigal, per eżempju, fjura, u biex flimkien tingħad it-talba tal-okkażjoni tal-Jum Dinji.

 Iż-żjara tista' wkoll tkun okkażjoni biex lill-anzjani tingħatalhom l-opportunità, l-aktar lil dawk li ilhom ma joħorġu mid-dar, li jersqu lejn is-sagramenti tar-rikonċiljazzjoni u tal-Ewkaristija.

 Iż-żjara lil-anzjan li jgħix waħdu hi waħda mill-possibbiltajiet biex tinkiseb l-Indulġenza Plenarja mogħtija għall-okkażjoni.

 Fil-postijiet fejn minħabba l-emerġenza sanitarja għad mhux possibbli li jsiru żjarat personali, bil-fantasija tal-imħabba jistgħu jinstabu modi oħra kif jintlaħqu

l-anzjani permezz tat-telefon jew il-mezzi soċjali.

 Biex jinxtered il-messaġġ tal-Jum Dinji, fuq il-mezzi soċjali jistgħu jittellgħu ritratti taż-żjarat bil-hashtag #IamWithYouAlways.

 L-anzjani huma d-destinatarji ewlenin tal-attivitajiet tal-Jum Dinji. Il-messaġġ tal-Papa hu ndirizzat propju lilhom.

 Importanti li b'xi mod l-akbar għadd possibbli ta' anzjani jieħdu sehem personalment fil-liturġija tal-Ħadd iċċelebrata f'dik l-okkażjoni.

 Tista' ssir stedina lill-anzjani tal-parroċċa jew tar-realtà ekkleżjali għal waqt ta' riflessjoni dwar il-messaġġ tal-Papa għal dal Jum. Lil kull min ikun preżenti tista' tingħatalu kopja u lkoll flimkien jaraw il-messaġġ bil-vidjow.

 Permezz taż-żjajjar lill-anzjani li jgħixu waħedhom jista' jitwassal il-messaġġ tal-Papa anki lil min ma jkunx possibbli għalih jieħu sehem f'dawn il-laqgħat.

 Lin-nanniet kollha u lill-anzjani milħuqin f'din l-okkażjoni nistgħu noffrulhom l-intenzjonijiet tat-talb tal-Papa flimkien ma' dawk partikolari tal-komunità fejn jgħixu.

 Xi ġimgħat qabel il-Jum Dinji nistgħu niġbru liż-żgħażagħ tal-komunità tagħna u nispjegawlhom xi tfisser biex inkunu żguri li huma jżuru lill-akbar għadd possibbli ta' anzjani.

 Bl-istess mod nistgħu nlaqqgħu liż-żgħażagħ wara ċ-ċelebrazzjoni biex niddiskutu flimkien il-frott imħolli mil-laqgħat.

 Iż-żgħażagħ jistgħu jorganizzaw kampanji fuq il-mezzi soċjali biex ixerrdu l-frott tal-Jum Dinji bl-użu tal-hashtag #IamWithYouAlways.

 Waqt iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika dedikata għal dal-Jum jew f'xi waqt xieraq jistgħu jitfakkru l-anzjani tal-parroċċa jew tal-komunità li mietu minħabba l-pandemija, partikolarment dawk li lanqas biss seta' jsirilhom funeral.

 Metodu possibbli hu li fl-aħħar tat-talba tal-fidili jinqraw l-ismijiet u tinxtegħel xema' biex tfakkar lil kull persuna.

 Fit-13 ta' Mejju l-Penitenzerija Appostolika nediet digriet li bih qed tingħata Indulġenza Plenarja fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tan-Nanniet u l-Anzjani.

 L-anzjani jistgħu jiksbu l-Indulġenza Plenarja bis-sehem f'waħda mill-quddies

li se jkunu ċelebrati f'dan il-Jum.

 Minħabba li s-sitwazzjoni ta' emerġenza sanitarja għadha ma battietx u fid-dawl li xi anzjani mhumiex f'kundizzjoni li jieħdu sehem personalment fil-quddies għal raġunijiet ta' saħħa, jirbħu l-Indulġenza wkoll dawk li jisimgħu l-quddiesa permezz tal-mezzi  tal-komunikazzjoni soċjali.

 L-Indulġenza tingħata wkoll lil dawk kollha li jagħmlu att ta' ħniena u jżuru lil xi anzjan li jgħix waħdu.

 Fil-postijiet fejn minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija l-awtoritjiet jipprojbixxu żjarat personali, l-Indulġenza tintrebaħ ukoll jekk issir żjara virtwali.

*Miġjub għall-Malti mit-Taljan minn Joe Huber*